MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1189/2008

**L-Accountant General.**

**vs**

**Joseph Bellotti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Accountant General datat 28 ta’ Novembru 2008 fejn jikkonferma: -

Illi fis-7 ta’ Lulju 1999 gewwa l-fergha ta’ Hal Balzan tal-Bank Lombard gie msarraf cekk datat 30 ta’ Gunju 1999 mahrug mill-Bank Centrali ta’ Malta lil certu Martin Ferdinand Flores ghas-somma ta’ sebat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800) ekwivalenti ghas-somma ta’ tmintax-il elf mija u disgha u sittin ewro (€18,169).

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija rrizulta li dan ic-cekk kien falsifikat u l-persuna li sarrfitu uzat Karta tal-Identita` falsifikata.

Illi mill-istess investigazzjonijiet irrizulta li l-persuna li sarrfet dan ic-cekk kien filfatt il-konvenut Joseph Bellotti.

Illi l-istess konvenut Joseph Bellotti ammetta dan ir-reat fi stqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija u sahansitra ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u nstab hati skont sentenza datata 23 ta’ Lulju 2003.

Illi minkejja li l-konvenut Bellotti gie nterpellat diversi drabi sabiex jirrifondi s-somma ta’ (€18,169) (Lm7,800) li huwa sarraf ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta huwa baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**It-Talbiet:**

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Bellotti rcieva s-somma ta’ €18,169 (Lm7,800) indebitament meta sarraf cekk falsifikat ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta fis-7 ta’ Lulju 1999 mil-Lombard Bank gewwa Hal Balzan.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut Joseph Bellotti sabiex jirrifondi lura lill-attur is-somma ta’ €18,169 (Lm7,800).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru 2004 u tas-6 ta’ Frar 2007, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tar-rikorrenti.

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimat li naqas milli jipprezenta risposta guramentata u hekk baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti inkluz dik ta' Dr. Nadia Vella ghar-rikorrenti li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont rikjest fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut u ma thallas xejn fil-mori tal-kawza.

Semghet l-Avukat tar-rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------